# San Ġorġ Preca u l-Gżira

Is-Sur John Formosa sdc

### Fl-okkażjoni tal-10 snin li ilu dikjarat Beatu

Nhar id-9 ta' Mejju tal-2001 l-Beatu Ġwanni Pawlu II, waqt li kien fit-tieni żjara pastorali tiegħu fil-gżejjer tagħna, ipproklama l-ewwel tliet Beati Maltin, fosthom lill-Fundatur tal-MUSEUM Dun Ġorġ Preca (1880-1962). Sitt snin wara, nhar it-3 ta' Ġunju 2007, Dun Ġorġ ġie dikjarat ukoll qaddis mill-Papa Benedittu XVI. Għall-okkażjoni tal-10 snin tal-beatifikazzjoni xtaqt nikteb xi ħaġa dwar dan l-ewwel Qaddis kanonizzat Malti u r-rabtiet tiegħu mal-Parroċċa tagħna tal-Gżira.



### Il-Gżira tgawdi mill-Opra ta' Dun Ġorġ

Ta' min ifakkar li l-Gżira ilha għal ħafna snin tgawdi mill-ħidma mwettqa mill-għaqda li waqqaf Dun Ġorġ. Fl-1934 Dun Ġorġ avviċina lil Patist Pantalleresco (tal-Forn) u talbu jikrilu post biex jiftaħ Qasam ħalli fih jiġu mgħallma s-subien. Dan offrielu dar żgħira Numru 42, Triq Reid, ftit 'il fuq minn fejn kellu l-forn. Din kienet tikkonsisti f'żewġt ikmamar u kċina. *(Tagħrif minn Karmenu Pantalleresco, iben Patist.)* Id-dar infetħet uffiċjalment nhar il-festa tal-Kunċizzjoni 8 ta' Diċembru 1934. Sentejn wara (12 ta' Diċembru 1936) l-Museum ġie trasferit għal post akbar: "Abelia House", 71 Triq Ponsonby, sakemm f'Jannar 1962 l-Museum ġie trasferit għal dar aktar spazjuża fl-istess Triq, f'Numru 68, fejn għadu sallum. Il-Qasam tan-Nisa fil-Gżira kien infetaħ, fuq talba tal-Kappillan Dun Anton Manchè, bħala Fergħa tal-Qasam Sliema fl-1930. Dan il-Qasam baqa' jopra sa Settembru tas-sena l-oħra meta s-Superjuri Maġġuri tas-Soċjetà dehrilhom li ma setgħux iżommuh aktar miftuħ minħabba nuqqas ta' Membri.

Dun Ġorġ ġie diversi drabi l-Gżira, kemm biex iżur u jinkuraġġixxi l-membri tal-Għaqda tiegħu, kif ukoll għal raġunijiet oħra. Hu kien jiġi kull darba meta fil-Gżira kienet issir is-Sajda Museumina, li tikkonsisti f'konferenzi għal kulħadd fil-beraħ organizzati mill-membri tal-MUSEUM għal ħmistax-il ġurnata wara xulxin. Dun Ġorġ ġeneralment kien jattendi fit-tieni ġimgħa u meta kienet tiġri l-kelma li ġej jitkellem hu, allura l-attendenza tan-nies kienet tiżdied ħafna. Diversi nies kienu jibqgħu wara li jispiċċa l-priedka biex ikellmuh u/jew

biex iberkilhom xi ħaġa ta' devozzjoni li jkunu ġiebu magħom, bħal kuruni, domni eċċ., għax in-nies kellha idea għolja tal-qdusija ta' dan il-bniedem. L-aħħar darba li Dun Ġorġ ġie jippriedka l-Gżira fis-Sajda Museumina kien sentejn qabel ma miet.

**Dun Ġorġ u l-Museum tal-Gżira**

Imma Dun Ġorġ l-aktar li kien jiġi l-Gżira kien biex jiltaqa' mal-membri tal-Museum tal-lokal, ħaġa li hu kien iħossu fid-dover li jagħmel biex jinkuraġġixxi l-ħidma tagħhom ta' katekisti. Għal dawn iż-żjajjar hu ġeneralment kien jiġi għal xi l-5.30 p.m. biex l-ewwel ikellem lill-bniet fil-qasam tagħhom, imbagħad wara, kien imur f'dak tas-subien. Meta jkun spiċċa jkellem lit-tfal, kien jibqa' biex ikellem lill-membri kbar.

Kif stqarr Dun Ġorġ innifsu ma' wieħed mis-soċji tiegħu, hu kien jilqa' bil-ferħ kull stedina li kienet issirlu biex jiġi fil-Qasam tal-Gżira għax kien jara fih post fejn issaltan ħafna l-imħabba bejn il-membri u għalhekk ma tonqosx il-barka t'Alla fuq il-ħidma tagħhom.

Kull darba li kien idur xi Qasam Dun Ġorġ kellu d-drawwa li jqassam il-ħelu lit-tfal. Għal dan l-iskop hu kien jgħid lis-Superjur biex jixtri l-ħelu minn qabel. Anki hu u jqassam il-ħelu kien jagħti xi tagħlima lit-tfal, bħal per eżempju jgħidilhom: "Ara, se tieħdu żewġ ħelwiet kull wieħed biex tiftakru li f'Ġesù hemm żewġ naturi, natura divina u natura umana, jiġifieri Ġesù kien Alla u kien bniedem ukoll."

Dan il-ħelu ma kienx iqassmu sempliċiment biex ikun tahom xi ħaġa, imma biex iħarishom mill-mard, u għalhekk, qabel iqassmu, kien ibierku billi jagħmel fuqu s-sinjal tas-Salib li hu tant kien jemmen fil-qawwa tiegħu. Darba ġie l-Qasam tagħna tal-Gżira u, wara li bħas-soltu qassam il-ħelu mbierek, ċertu tifel kunjomu Ingliż, McNerney, telaq jiġri lejn id-dar għax kellu ħuh widintu tuġgħu. It-tifel, flok ma ta l-ħelwa lil ħuh biex jikolha, qabad u deffishielu f'widintu. Ma nafx jekk il-marid fieqx wara dil-ġrajja, imma ma tistax ma tilmaħx l-innoċenza u l-fidi ta' dan it-tifel.

**Dun Ġorġ u l-Kappillan Dun Karlu Manchè**



Bejn Dun Ġorġ u Dun Karlu Manchè, il-Kappillan qaddis li mexxa l-parroċċa tagħna bejn is-snin 1935 u 1950, kien hemm rabta spiritwali kbira, u kull wieħed minnhom kien jammira ħafna lil ieħor. Wara kollox it-tnejn kienu saċerdoti skont il-qalb t'Alla u t-tnejn kienu dedikati ferm għat-tagħlim tal-katekiżmu. Huma t-tnejn ukoll kienu maħtura minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi bħala membri tal-Kummissjoni Djoċesana għall-Katekeżi.

Li Dun Ġorġ kellu idea għolja tal-qdusija ta' dan il-kappillan tal-Gżira tidher mill-fatt li, lejn l-aħħar ta' ħajtu, waħda penitenti ta' Dun Karlu marret għand Dun Ġorġ u talbitu biex jitlob għalih għax kien jinsab marid serjament. "Iva, jiena naf," qalilha Dun Ġorġ. Imbagħad isser-

ja u kompla jgħidilha: "Kull filgħaxija narah fil-kamra tiegħu jitgħannaq ma' Alla". *(Tagħrif mogħti minn Ms Evelyn Cassar ex-membru tal-Museum).*

**Dun Ġorġ u l-Kappillan Dun Pawl Galea**

Wara li miet il-Kappillan Manchè (18 ta' Novembru 1950), minħabba diversi problemi li kien hemm fil-parroċċa, l-Arċisqof Gonzi kellu biċċa xogħol lil min jagħżel bħala suċċessur ta' Dun Karlu. Dak iż-żmien il-ħatra għal kappillan kien isir konkors wara sejħa minn fost il-kleru djoċesan. Imma Mons. Gonzi ma riedx li jpoġġi kappillan fil-Gżira lil min ikun ikun. Hu tefa' għajnejh fuq is-saċerdot Naduri Dun Pawl Galea (1899-1970), kappillan tal-Blue Sisters u mbagħad tal-Klarissi, li kien jiġi spiss iqarar fil-parroċċa tagħna.

Meta Mons. Gonzi avviċina lil Dun Pawl, dan sabha ħafna bi tqila li jaċċetta, imma l-Isqof baqa' jinsisti. Dun Pawl, li kien ammiratur kbir ta' Dun Ġorġ, mar jieħu l-parir tiegħu. Dan mhux biss qallu jaċċetta, imma wkoll inkuraġġih ħafna u qallu "Mur, tagħmel il-ġid, u se jkollok għajnuna kbira mill-membri tal-Museum." (Minn tagħrif mogħti minn Dun Pawl innifsu lill-membri tal-Museum.) Dun Pawl Galea ħa l-pussess tal-parroċċa tagħna fit-18 ta' Marzu 1951 u baqa' jmexxieha sakemm irriżenja minħabba saħħtu fit-30 ta' Settembru 1966.

**Dun Ġorġ ibierek żwieġ fil-Gżira**



Ftit nafu b'każijiet meta Dun Ġorġ iċċelebra ż-żwieġ, imma ftit snin qabel ma miet, preċiżament fis-17 ta' Frar 1953, hu ġie fil-knisja parrokkjali tagħna biex ibierek iż-żwieġ tal-koppja Gaetano Bartolo u Mary Rolè. Dan ġara għaliex l-għarus kien jiġi ħu Nellie Bartolo, is-Soċja tal-MUSEUM li għal ħafna snin kienet tieħu ħsieb Dun Ġorġ. Għat-talba li din għamlitlu biex ibierek iż-żwieġ ta' ħuha, Dun Ġorġ ħass li ma setax jgħid le. Għadu jeżisti ritratt li fih jidher Dun Ġorġ qed iqarben lil din il-koppja; ħdejh jidher ukoll il-kappillan Dun Pawl Galea.

**Kwadru ta' San Ġorġ Preca fil-knisja parrokkjali**

Kull sena, fil-parroċċa tagħna, nhar id-9 ta' Mejju, jum il-festa liturġika ta' San Ġorġ Preca, jiġi mfakkar kif jixraq, speċjalment biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa ta' filgħaxija animata mill-membri tal-Museum. F'dik tad-9 ta' Mejju 2009 ġie inawgurat kwadru sabiħ ta' dan il-Qaddis Malti, xogħol il-pittur magħruf Għawdxi Paolo Camilleri Cauchi. L-idea kienet ta' Mario Spiteri, iben Dr Lawrence Spiteri M.D., it-tabib ta' Dun Ġorġ, li daħal ukoll għall-ispejjeż tiegħu. Dan il-kwadru tqiegħed fuq l-altar tal-ġenb iddedikat lil San Pawl Nawfragu. Hu post tassew adattat għal dak li, kemm il-Papa li bbeatifikah, kif ukoll il-Papa li kkanonizzah, sejħulu "it-Tieni Missier tagħna fil-fidi."